**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 473/2016 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 42.**

**GasanMamo Insurance Limited flimkien mal-agenta taghha Thomas Smith Insurance Agency Limited – C-5637 ghal kull interess li jista jkollha.**

**1, War Victim Square, Luqa, Malta**

**Vs**

**Auto Sales Limited, Mosta Road, Lija**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mis-socjeta' attrici fis-26 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu talab li s-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi u iktar precizament lill-attrici Thomas Smith Insurance Agency Limited s-somma ta' elf erba' mija u tnejn u disghin (€1,492) u l-imghaxijiet relativi mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz rapprezentanti danni sofferti fil-vettura Renault Captur numru tar-registrazzjoni JBU 465 wara li fl-01 ta' Frar 2015 il-bonnet ta' quddiem tal-istess vettura infetah habta u sabta u minghajr intervent ta' sid dik il-vettura u kkaguna hsara lill-istess vettura liema vettura inxtrat minghand il-kumpanija konvenuta minn sidha Pierre Grima li kien assigurat taht polza fully comprehensive mal-atturi. Jirrizulta li dan il-bonnet infetah minhabba xi difett

intrinsiku fih. Dawn il-hsarat issewwew ghand l-istess konvenuta u l-ispejjez involuti jammontaw ghal elf erba' mija u tnejn u disghin ewro (€1,492) thallsu lilha.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha (fol 9) eccepiet preliminarjament ghandha tingieb prova li l-kumpaniji ghandhom interess guridiku f'dik il-kawza kif ukoll jekk dawn humiex surrogati fid-drittijiet ta' Pierre Grima li huwa sid Renault Captur ("il-Vettura") in kwistjoni u li allegatament sofra danni; minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' esponenti tichad li kien hemm difett fil-vettura jew li hi b'xi mod responsabbli ghall-allegat hsarat; minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti ghandha ggib prova ukoll tad-danni li soffriet, in-ness bejn id-danni u tal-agir tas-socjeta' esponenti kif ukoll ggib prova fejn turi li hi ppruvat timinimizza d-danni.

**Provi**

Fl-affidvit tieghu Ramon Jorge Campos (fol 35) xehed li fl-01 ta' Frar, 2015 kien fil-karozza ma' Pierre Grima li kienet karozza gdida fjamanta tal-ghamla Renault Captur u li meta kien sejjer ghan-nizla ta' Labour Avenue n-Naxxar u kien qed isuq bi speed normali ta' hamsin (50) kilometru fis-siegha f'daqqa wahda u minghajr ebda sinjal l-*bonnet* tela' l' fuq u faqa' l-*windscreen*. Pierre Grima waqqaf il-karozza. Campos jghid li huwa zgur li meta dahal fil-karozza l-*bonnet* kien maghluq sew.

Fl-affidavit tieghu Pierre Grima (fol 36) irrakonta kif gara l-incident f'Labour Avenue, Naxxar dakinhar tal-01 ta' Frar, 2015 kif spjega wkoll Ramon Jorge Campos li kien mieghu fil-karozza dakinhar u kif din il-karozza kienet gdida fjamanta u kif meta mar ghand is-socjeta' konvenuta biex jghidilhom u kif dawn ordnaw il-*parts* u sussegwentement dejjem injorawh. Huwa kien sar jaf ukoll li mhux il-karozza tieghu biss kellha din il-problema.

In kontro ezami (fol 83 et) Grima xehed li l-*bonet* kien maghluq u li meta fetah il-*bonett* meta kien qed jahsel il-karozza ghalqu u saq il-karozza. Il-karozza kienet gdida u l-lock kien jahdem, u li Richard Bonnici tas-socjeta' konvenuta kien qallu permezz ta' *e-mail* tal-01 ta' Frar, 2015 li "*I can assure you not even if the bonnet was in secure correctly there is a safety mechanism in place to avoid it from opening which needs to be manually pushed for the bonnet to be released*.'

A fol 39 xehed Kevin Borg Degiorgio, *Claims Executive* mas-socjeta' Thomas Smith Insurance Agency Limited li kkonferma li Pierre Grima kien inxurjat maghhom u pprezenta l-kont tas-*surveyor* John Callus li appuntaw huma u l-ircevuti tal-pagamenti li saru. Mistoqsi jekk dwar dan il-*lock* kienx sar xi rapport ix-xhud wiegeb li John Callus ghamel is-*survey* da parti taghhom izda Renault kienu qalulhom li kien gie espert minn barra u kellhom rapport minghandu izda meta talbuhom kopja ta' dan ir-rapport huma qatt ma ghaddewulhom. Huwa kien jikkomunika ma' Michael Bonnici u Alessio Muscat tas-socjeta' konvenuta.

In kontro-ezami *huwa xehed li t-tiswijiet li saru kienu hziena fosthom li spray ma giex kif suppost u l-*headlamps ma twahlux u li meta hareg minn go Kinds kien minghajr lights jixghelu. Dawn gew mibdula wara.

Ix-xhieda ta' John Callus fis-seduta tad-09 ta' Mejju, 2017 ma gietx registrata u x-xhud rega xehed fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2017.

Fix-xhieda tieghu (fol 60 et) Callus xehed li huwa *freelance surveyor* u kkonferma li ghamel rapport u kkonferma s-*survey report* li hejja u li jinsab a fol 24 tal-process. Huwa spjega li mill-*cable* u s-*switch* kien hemm xi difett bejn il-*cable* u l-*lock* u spjega xi jfissru r-ritratti tal-hsarat esebiti fol 17 u meta mistoqsi dwar jekk mid-dinamika tal-incident u mill-*locks* l-hsarat humiex kompatibbli ma' xulxin dwar kif gara l-incident Callus wiegeb li iva ghax '*most probably the bonnet lock did not function'* u ghola u hadet dak l-iskoss minn quddiem…'

In kontro-ezami huwa spjega li d-difett kien mill-*cable* ghal-*lock*. '*The cable did not function to the lock.'*

Clayton Gatt (fol 74) *Designated Service Manager* fis-*Service Department* mas-socjeta' konvenuta xehed li lil Pierre Grima jafu bhala klijent tal-kumpanija u li jaf li l-incident sehh fil-bidu ta' April, 2015. Xi zmien wara l-incident Grima mar is-*Service Department* u spjegalu x'kien gara u li wara l-incident saru ix-xogholijiet fuq il-vettura skont ir-rapport li nhareg mill-*insurance* u li kien hemm xoghol li ma kienx kuntent bih u rega sar bla hlas. Huwa kkonferma li l-kumpanija qatt ma kellha rapport ta' dan it-tip fuq dan il-mudell. Huwa spjega kif dan il-*lock* ghandu zewg stadji msejha l-*main lock* u s-*safety lock* u spejga kif jahdmu. Huwa pprezenta r-rapport tas-*survey* li sar minn Renault UK

Limited li a fol 78 fil-konkluzjoni tieghu certu Steve Gabriel kkonkluda li dan gara *'This is probably due to the customer not closing it correctly when it was last opened.'* U li *'Although the spring for the safety catch is not correctly fitted this has no influence on the operation of the main bonnet lock which was identified as being fully operational. Therefore if the bonnet had been correctly closed and secured by the main lock, it would have remained closed'.*

In kontro-ezami (fol 88 et) Gatt kkonferma li fis-sistema taghhom hemm imnizzel li l-incident sehh f'April, 2015 u li ma nafx li l-incident sehh qabel dik id-data u rega spjega kif jahdem il-*main lock* cioe' li l-*main lock* biex jigi rilaxxat xi hadd irid jigbed il-*leaver* minn gewwa u min fuq l-*main lock* imur fuq is-*safety lock* u biex jinfetah is-*safety lock* wiehed irid jigbed *leaver,* irid johrog mill-karozza jiftah il-*leaver* minn taht il-*bonnet* u fl-opinjoni teknika tieghu l-*bonnet* ma jista qatt jinfetah wahdu jekk ikun maghluq kif suppost. Grima kien qallu li xi gimgha qabel kien fetah l-*bonnet.*

A fol 46 et l-atturi pprezentaw l-iskrittura li permezz taghha Pierre Grima issurroga d-drittijiet kollha tieghu fir-rigward tad-danni sofferti fil-vettura Renault Captur JBU-465 nhar l-01 ta' Frar 2015 lill-Thomas Smith Insurance Agency Limited.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet

Ikkunsidra

Illi din hija kawza fejn hemm il-qbil dwar kif sehh l-incident u dwar il-quantum; li ma hemmx qbil huwa dwar min ghandu jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni, jekk huwa l-atturi kif surrogati jew is-socjeta' konvenuta minghand minn Pierre Grima xtara l-vettura tal-ghamla Renault Captur li ghandha numru ta' registrazzjoni JBU-465. L-atturi jikkontendu li dan gara minhabba difett fil-*lock* tal-*bonnet* u s-socjeta' konvenuta tikkontendi li dan gara ghax Pierre Grima ma ghalaqx il-*bonnet* tal-karozza kif suppost.

**Eccezzjoni Preliminari**

Is-socjeta' konvenuta eccepiet preliminarjament ghandha tingieb prova li l-kumpaniji ghandhom interess guridiku f'dik il-kawza kif ukoll jekk dawn humiex surrogati fid-

drittijiet ta' Pierre Grima li huwa sid Renault Captur ("il-Vettura") in kwistjoni u li allegatament sofra danni.

A fol 46 et l-atturi pprezentaw l-iskrittura li permezz taghha Pierre Grima issurroga d-drittijiet kollha tieghu fir-rigward tad-danni sofferti fil-vettura Renault Captur JBU-465 nhar l-01 ta' Frar, 2015 lill-Thomas Smith Insurance Agency Limited.

Is-socjeta' konvenuta tikkontendi li l-ftehim tas-surroga sar fil-25 ta' Mejju, 2017 u l-hlas sar fis-sena 2015 u li l-ftehim tas-surroga jirreferi ghas-socjeta' Thomas Smith biss.

Il-kuntratt ta' assigurazzjoni, ta' min jirrileva hu kuntratt 'sui generis' bejn l-assigurat u l-assigurazzjoni. L-assigurazzjoni tiehu riskju minflok l-assigurat taghha u ta' dan tigbor *'premium'* u ta' dak il-*'premium'* taghti servizz lill-assigurat li kemm-il darba dak l-*event* isehh allura l-persuna li tkun assigurata tithallas jew tad-dannu jew ghas-somma miftehma. Id-dottrina tas-surroga f'kaz li l-*event* dannuz isehh u jsir il-hlas mill-assigurazzjoni a bazi tal-polza, tipprotegi li l-assigurat jiehu hlas doppju tad-danni tieghu ghall-istess fatt, wiehed minghand l-assigurazzjoni u l-iehor minghand il-persuna li tkun ikkawzat id-dannu. Is-surroga hija konsegwenza naturali tal-kuncett tal-indennizz li tifforma bazi integrali tal-kuntratt tal-assigurazzjoni. Din id-dottrina giet zvilupata fil-ligi Ingliza taht il-'*Law of Equity'*.

Il-ligi taghna tikkontempla l-hlas bis-surroga fl-Artikoli 1164 u 1167 tal-Kodici Civili. Is-surroga tista tkun wahda legali jew konvenzjonali. Illi l-Qrati taghna sostnew li gialadarba d-ditta tal-assigurazzjoni ghamlet tajjeb ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident u halsithom kif kienet obligata li taghmel skont il-kuntratt tal-assigurazzjoni allura a bazi tas-Sub Artikolu ( c ) tal-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili s-surroga ssir 'ipso iure' (**Hugh Zammit noe vs Joseph Spiteri PA 05.10/1993 u Edward Galea noe vs John Tanti PA 16/12/1991**).

Illi ghalhekk hekk kif isr il-hlas mis-socjeta' tal-assigurazzjoni lill-assigurat a bazi tal-kuntratt tal-assigurazzjoni, l-assigurat jitlef id-dritt ta' azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkawzat id-dannu u dana peress li hekk kif isir dan il-hlas, issir is-surroga 'ipso iure' u kwindi d-drittijiet kollha tal-assigurat, inkluz ghalhekk id-dritt tieghu tal-azzjoni, jghaddu a favur tal-assigurazzjoni.

Illi sahansitra f'sentenza moghtija fil-25 ta' Novembru, 1929 il-Qorti tal-Kummerc kienet sostniet meta ccitat il-Vivante illi: "L'assicurato he fu risarcito del danno non ha piu azione contro il colpevole perche non ha alcun interesse di far valere contro di lui; se potesse riscuotere ad un tempo la somma assicurata e chiedere risarcimento dal colpevole pel medesimo danno, sarebbe indenizzato due volte e l'assicurazione proceurerebbe un indebito lucro. L'altra parte il terzo, colpevole del sinistro non deve approfittarsi del contratto di assicurazione cui e' rimasto estraneo e pel quale non ha pagato alcun premio e percio deve rispondere del danno verso l'assicuratore ce piglia il posta dell'assicurato."

Illi mill-atti jirrizulta u dan kif xehed Kevin Borg Degiorgio Claims Executive mal-Kumpanija Thomas Smith Insurance Agency Limited ( fol 41 et) li l-hlas mertu ta' din l-kawza sar minn l-istess socjeta' u minn imkien ma saret prova dwar l-involviment tas-socjeta' attrici l-ohra Gasan Mamo Insurance Agency Limited.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqbel mal-argument sollevat mis-socjeta' konvenuta li l-ftehim tas-surroga sar mas-socjeta' Thomas Smith biss u ghalhekk is-socjeta' Gasan Insurance Mamo Insurance Limited ma jistax jinghad li giet surrogata wkoll.

Dwar il-legittimu kontradittur **l-Artikolu 780 tal-Kap 12** jipprovdi illi *"l-eccezzjoni dwar l-illegittimita tal-attur jew tal-konvenut tista tinghata meta l-wiehed jew l-iehor huwa inkapaci skont l-ligi biex joqghod f'kawza inkella biex iharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interss ta' haddiehor minghajr ma jkun awtorizzat skont il-ligi ghaldaqshekk."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et Qorti tal-Appell 5.10.2001** dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur, dik il-Qorti sostniet li:

*Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kientx jew le legittimu kontradittrici l-parti l-ohra l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk l-persuna citat fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li skont l-attur holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

F'din il-kawza ma saret ebda prova dwar dan u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi milqugha.

**Dwar il-mertu**

Dwar il-mertu cioe' jekk id-danni sofferti kienu kagun li l-*bonnet* tal-vettura in kwistjoni kienx difettuz jew inkella ghax is-sid ma ghalaqx il-*bonnet* kif suppost hija kwistjoni ta' apparezzament ta' provi dwar ir-responsabilita' ghad-danni sofferti. Ma hemmx kontestazzjoni li l-vettura JBU-465 sofriet danni, ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont ta' danni nvoluti u l-kontestazzjoni ghalhekk hija dwar min kien responsabbli ghal dawn id-danni.

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 08 ta' April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April, 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April, 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet, u dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Issa ghal dak li jirrigwarda responsabbilita ta' dak li gara skond l-Artikolu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li:

*"Kull wiehed iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu (**Paul Zahra vs Direttur tad-dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici (Appell Ciivli 3.12.1991**).*

Illi ai termini tal-Artikolu 1032 tal-Kapitolu 16:

*'Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja.'*

Issa huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li 'min ifittex ghad-danni irid jipprova mhux biss l-att jew omissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew omissjoni

ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti (Kollez Vol XXX p 111 p 142).

Ukoll kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Muscat et vs Carmelo Agius Qorti tal-Appell 14.1.1939**: "...biex iwaqqa l-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta'' zewg cirkostanzi: I l-accident jew l-fortuwitu bhala l-kawza tal-hsara; u in-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsarat.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal ma jistghax jaqbel mas-socjeta' konvenuta meta tghid li l-incident gara ghax sid il-vettura Pierre Grima ma ghalaqx il-*bonnet* tajjeb ghax kieku verament kien hekk kieku kull vettura f'Malta u Ghawdex li ma jkollhiex il-bonett maghluq tajjeb kieku tispicca kif spiccat il-vettura ta' Grima. Is-*surveyor t*as-socjeta' Thomas Smith meta spezjona l-vettura kkonkluda li l-*locks* ma kienux qed jahdmu tajjeb tant li anke s-*safety lock* bil-fors li ma kienx qed jahdem ghax kieku ma garax l-incident.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jemmen il-verzjoni tas-socjeta' konvenuta meta tghid li l-incident gara ghax l-lock tal-*bonnet* ma kienx maghluq tajjeb.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u jilqa' t-talbiet attrici fir-rigward ta' Thomas Smith Insurance Agency Limited biss u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' Thomas Smith Insurance Agency Limited is-somma ta' elf erba' mija u tnejn u disghin ewro (€1,492) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-Avviz tat-Talba cioe' mis-26 ta' Ottubru, 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**